

21998D0709(03)

L 193/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.7.1998

**ID-DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 86/97****tal-31 ta' Ottubru 1997**

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE fuq il-koperazzjoni fl-oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ il-Ftehim, u partikolarment l-Artikolu 86 u 98 tiegħu,

Billi l-Protokoll 31 tal-Ftehim kien inter alia, emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 8/94<sup>(1)</sup>;

Billi huwa xieraq li tkun estiża l-koperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim biex tkun inkluża l-Azzjoni Pilota fuq is-Servizz Volontarju Ewropew għaż-Żgħażagħ fis-sena tal-budget 1997;

Billi l-Protokoll 31 tal-Ftehim għandhu għalhekk ikun emendat biex ikun possibbli li din il-koperazzjoni estiża tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 1997;

ID-DECİEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

1) Fil-Protokoll 31 tal-Ftehim il-paragrafu li ġej għandu jkun inkluż wara l-Artikolu 4(2):

"2bis. L-Istati ta' l-EFTA għandhom, mill-1 ta' Jannar 1997, jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-Komunità relatati mal-limitu tal-budget B3-1011 'Is-Servizz Volontarju Ewropew', mdaħħal fil-budget tal-Komunità għas-sena 1997".

2) L-Artikolu 4(3) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"3. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament skond l-Artikolu 82(1)(a) għall-programmi u l-azzjonijiet msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 2bis."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1997, iżda n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għandhom ikunu magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Għandha tgħodd mill-1 ta' Jannar 1997.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Ottubru 1997.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

E. BULL

<sup>(1)</sup> ĠU L 198, tat-30.7.1994, p. 142.